KLR 29/VI/2011

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta , 25 ta' Ottubru 2011 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**1. Mill-Minuti KLR 28**

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li kellu jitwaqqaaf ix-xogħol tal-bankini f'taċ-Ċawla H. E. minħabba li sar appell minn Joseph Sciberras li hu kuntrattur li tefa' din l-offerta. Wara, l-istess kuntrattur iddeċieda li jirtira l-appell u għandu jgħamel dan bil-miktub. Malli tasal l-ittra il-membri ser jiġu nfurmati b'dan. Il-preżenti ġew mgħarrfa wkoll li biex jintefaq l-ammont kollu provdut mill-Awtorita' tad-Djar u jitkomplew il-bankini, trid tinħareġ offerta oħra.

**2. Mozzjonijet f'isem il-membri**

Mozzjoni numru 56 ġiet imressqa mill-kunsillier Buttiġeiġ u ssekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Mozzjoni numru 56. Nitlob sabiex isiru żewġ *hangers* oħra fejn jiddendlu l-basktijiet ta' l-iskart domestiku qrib il-parkeġġ f'taċ-Ċawal H. E. minħabba li hemm tnejn biss. Dawn jintużaw minn tlett blokkijiet u anke' mid-djar tal-viċin, bil-konsegwenza li jkun hemm ħafna boroż fl-art. Qed nitlob dan sabiex ma jibqax ħmieġ fl-art u l-qtates ma jibqgħux iqattgħu il-boroż.**

Il-membri qablu.

**3. Attivitajiet tal-festi tal-Milied, *New Year in the City* u *Christmas Village***

3.1 *Christams Village*

Is-Sindku suġġerixxa li din is-sena l-*Christams Village* isir fuq tlett ijiem. Il-membri qablu li dan jiġi organiżżat fl-aħħar *weekend* ta' Novembru li jaħbat bejn il-25 u s-27. Għandu jsir reklam

f'gażżetta fejn il-pubbliku jkun mgħarraf li jistgħu jinkrew il-*huts* li minnhom ikunu jistgħu jinbiegħu prodotti relatati mal-Milied.

3.2 *New Year in the City*

Is-Sindku suġġerixxa li l-attrazzjoni ta' din is-sena tkun il-Winter Moods. Dawn lesti li joffru servizz ta' sagħtejn li jinkludi l-*countdown* B'hekk ma jkunx hemm għalfejn l-ispiża tal-preżentatur u l-*band* ta' qabel. Il-prezz tagħhpm hu ta' €8,000. Il-membri qablu ma dan. Qablu wkoll li:- (i) fi Pjazza San Ġorġ għandu jerġa' jkun hemm il-*band* Mistaken Identity bil-prezz tas-sena li għaddiet, (ii) il-prezzijiet tal-kiri tal-*bars* ta' Pjazza Indipendenza jkunu ta' €350 u ta' Pjazza San Ġorġ €200. Dawn għandhom jintramaw kif jarmaw fil-festi, u (iii) għandu jkun hemm *screen* fuq wara tal-palk il-kbir fejn ikunu proġettati l-i*sponsors* u anke' li l-attivita' hi organiżżata mill-Kunsill. L-i*sponsor* li hu ikkonfermat s'issa hu l-Coca Cola.

3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Imdina Glass jixtiequ li jarmaw siġra tal-Milied fi Pjazza Indipendenza li minnha jbiegħu l-ornamenti tal-ħġieġ. Il-qliegħ imur għall-Istrina. Il-membri qablu.

## 4. Monti

Tresqet il-*White Paper* tar-riorganiżżazzjoni tas-swieq fil-beraħ. Din ser tagħti aktar setgħa lill-Kunsilli Lokali fejn jidħol il-monti. Is-suġġerimenti tal-membri huma milqugħa. Is-Seg. Eżekuttiv għarfet lill-membri li fil-Gażżetta tal-Gvern li ħarġet fit-30 ta' Settembru 2011, ġew ippublikati l-ismijiet tal-bejjiegħa tal-monti u n-numri tal-kaxxi li joperaw minnhom.

## 5. Pjazza San Ġorġ - *Internal Audit*

Il-membri qablu li jingħata *deadline* lill-Perit li qed iħejji l-*internal audit* ta' Pjazza San Ġorġ. Tressaq ir-rendkont tax-xogħol li sar f'din il-pjazza. Dan skond dokument A anness. Il-perit tal-Kunsill għandu jirrapporta għaliex l-ispiża ta' Joe Grima qabżet sostanzjalment mis-somma mniżżla fl-offerta.

## 6. Offerta tal-ġbir ta' l-iskart domestiku

Tressaq rapport draft rigward l-offerti mitfugħa biex jiġi offrut dan is-servizz. Dan skond id-dokument anness. Il-membri qablu li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex ikun jista' jiġi negozjat il-prezz offrut peress li hu għola mill-allokazzjoni stabilita mid-Diprtiment fuq l-ammont li l-Kunsill jista' jonFOQ fuq l-immaniġjar ta' l-iskart.

## 7. Ftuħ ta' l-offerta – *Publishing of a coffee table book about the City of Victoria*

Is-Sinkdu għarraf lill-membri b'korrispondenza li ntbagħtet kemm id-Dipartiment għal-Gvern Lokali u kemm minn Joseph Mizzi f'isem Midsea books. Saru diversi mistoqsijiet fuq il-ħurġ ta' din l-offerta u s-Seg. Eżekuttiv u s-Sindku rrispondewhom kif mixtieq. Minn naħħa ta' Midsea Books l-offerta nxtrat u dawn billi ma tefgħuhiex talbu li l-ammont li bih xtara l-offerta (€100)

jiġi rifondut lura. Il-membri ma qablux. Barra minn hekk talab li d-data ta' meta għandu jiġi sottomess il-prodott finali tiġi estiża. Saret diskussjoni qabel infetħu l-offertti u l-membri ma qablux li din id-data tiġi estiża peress li ma tkunx fil-ħin ta' meta l-Kunsill irid jinawgura l-ktieb f'egħluq il-125 sena minn meta r-Rabat ingħata t-titlu ta' Belt. Minn naħħa tad-Dipartiment ġie indikat li l-prezz li ntalab sabiex tkun tinxtara din l-offerta kien għoli. Dan m'huwiex minnu peress li ma jaqbiżx il-limitu hekk kif stipulata f'Memo 70/2011.

Wara infetħet il-kaxxa ta' l-offertio fejn ir-riżultat hu kif imniżżel fix=schedule of tenders liema kopja tinsb f'dokumnet B annessa. Il-membri qablu li jinħatar bord ta' l-għażla li jkun compost mis-Sindku, il-kunsilliera Joe Debrincat u Josef Schembri u s-Sinjuri Joe Camilleri u John Cremona.

## 8. Jum Għawdex

Il-membri ġew mgħarrfa li l-Kumitat Reġjonali għal Għawdex ser jorganiżża Jum Għawdex nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2011. Ser issir marċ minn Pjazza Indipendneza sal-Katidral fejn fis-18.00 tiġi ċċelebrata quddiesa u wara jkun hemm riċeviment fis-sala tal-Kunsill tar-Rabat Għawdex. L-ispejjes li l-Kunsill ser iħallas għalihom huma biss parti mis-servizz tal-banda li ser jinqasam bejn 14-il Kunsill Għawdxi.

## 9. Rapport finanzjarju 2010

L-accountant John Buttiġieġ ġie mistieden jidħol fil-kamra fejn spjega r-rapport finanzjarju 2010 wara li saru l-aġġustamenti neċessarji mill-awdituri. Kopja tar-rapport tinsab annessa f'dokument Ċ. Dan ġie approvat.

## 9. Korrispondenza

Is-Seg. Eżekuttiv resqet korrispondenza mingħand:-

9.1 Transport Malta (TM) rigward:-
9.1.1 ħruġ ta' permess għall-kaxxa safra quddiem garaxx fi Triq San Duminku. Maġenb dan il-garaxx għanda ssir kaxxa għall-iopparkjar tal-muturi peress li fl-ispzju li jibqa ma jkunx biżżejjed biex tipparkja karozza;

9.1.2 il-*pedestrian crossing* li qed jiġi suġġerit minn Eldorado Restarutant ta' Triq Ġorġ Borġ Olivier. It-TM tablet li l-pjanta tiġi riveduta skond l-ispeċifikazzjonijiet standard;

9.2 id-Dipartiment għal-Gvern Lokali fejn tressqu dawn il-memos fost oħrajn:-
9.2.1 66/2011 skema ta' finanzjamnet għal titjib fil-*playing fileds* eżistenti. Il-membri ġew mgħarrfa li l-Kunsill apllika fuq il-*playing field* prinċipali tar-Rabat ta' Triq taħt Putirjal. Din bi stima tax-xogħol ta' madwar €435,000;
9.2.1 87/2011 skema ta' finanzjament ta' proġetti speċjlai 2011. Il-membri ġew mgħarrfa lil-Kunisll applika fuq il-proġett ta' *skate boarding* u *BMX track* fil-*playing field*.
9.2.3 89/2011 attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Community Chest Fund;

9.2.4 90/2011 skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitejit 2012;
9.2.5 91/2011 *administration fee* għal ħlas ta' multi fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsilli Lokali;
9.2.6 94/2011 tabella fid-daħla ta' kull *playground* tal-Kunsilli Lokali;
9.2.7 dwar il-Premju Nazzjonali Appoġġ lill-Intrapriżi 2011. Il-membri qablu li l-Kunsill japplika fuq is-Serata di Gola;

9.3 l-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA), li bgħatet żewġ rapporti, wieħed rigward il-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal u t-tieni wieħed dwar il-palying filed taċ-Ċawla H.E. Fuq ta' Triq taħt Putirjal il-membri qabu li jitneħħa t-tgħamir kollu sabiex ma jkunx hemm periklu. Dan sakemm jinħareġ il-permess tal-MEPA sabiex isir ix-xogħol ta' upgrading neċessarju. Dwar l-istat tal-*playing field* taċ-Ċawla H. E. il-membri qablu li jiġi mdaħħal fl-offerta li jmiss li tkopri xogħol li baqa' jsir f'din l-*area*. Il-membri qablu li l-Perit Edward Scerri u s-CEO tal-Awtorita' tad-Dajr jiġu mitluba dan;

9.4 il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' fejn inħarġet in-no objection għax-xogħol li hu propost li jsir fil-palying filed ta' Triq taħt Putrirjal;

9.5 il-MEPA rigward PC 0035/11 li tkopri l-*area* ta' Karawndi/tal-Belliegħa fi Triq l-Ewropa u Triq Ġorġ Pisani;

9.6 Il-MEPA fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-bilanċ tal-UIF fil-preżent hu ta' €42,034.64;

9.7 Brian Saliba ta' 'Hail Mary', Triq 8 ta' Diċembru, fejn bgaħt kopja tal-permess tal-MEPA li juri li jista' jwaqq l-permess biex itella' bini ġdid. Is-Sur Saliba qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex ineħħi bozza tad-dawl li tinsab ma dan il-bini u hekk ikunjista' jwaqqa. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

9.8 Anna Grech ta' 'Glorianne' Triq Kapuċċini fejn ilmentat li quddiem id-dar tagħha hemm siġra ta' l-oleander li hi perikoluża. Il-membri qablu li billi din tinsab fi triq arterja għandu jintalab lid-Diprtiment ta'l-Agrikultura biex din titneħħa;

9.9 John Pace f'isem l-għaqda Friends of the Sick and Elderly in Gozo rigward il-permessi għall-*car boot sale* fil-grawnd Leli Farruġia. Il-membri qablu li jinħarġu l-permessi.

9.10 il-Green mt fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li nbidel il-kuntrattur tal-Bring in-Sites. Dan hu Godfrey Borġ;

9.11 Peter Buġeja, bejjiegħ tal-ħut fi Pjazza Indipednenza. Dan talab għal aktar spazju minn fejn ikun jista' jopera. Il-Kunsill ma jistax jgaħmel dan peress li mid-Diprtiment għal Gvern Lokali, il-Kunsilli ġew mwaqqfa mill-jallokaw posti fis-swieq ta' Malta u Għawdex. Dan minħabba li d-Dipartiment tal-Kummerċ waqqaf il-ħruġ ta' liċenzji ġodda appena ħarġet il-*white paper* tar-riorganiżżazzjoni tas-swieq fil-beraħ;

9.12 il-Kap ta' l-iskola Sir M'Anġelo Refalo. Il-membri qablu li l-Kunsill jagħti l-parteċipazzjoni tiegħu f'attivita' li ser ikollhom studenti Rabtin fi study visit fi Brussell. L-ispiża m'għandiex taqbeż l-€450;

9.13 il-grupp Gozo Age Concern fejn talbu l-għanuna tal-Kunsill sabiex jagħmel pressjoni mal-Gvern Ċentrali biex jiffinanzja dar residenzjali għall-anzjani f'Għawdex.

9.14 Christer Sahlen li joqgħod di Triq Ġorġ Pisani fejn bagħat ritratti ta' l-istat li tinsab fiha din it-triq. Billi il-Gvern Ċentrali jrid jgħamel l-ewwel kisja bit tarmac, il-membri qablu li d-Direttur Proġetti u Żvilupp jiġi mgħarraf b'dan;

**12. Materji oħra**

Il-membri qablu li :-

12.1 tintalab laqgħa mat-TM rigward dettalji fuq ix-xogħol li ser isir fi Triq Repubblika;

12.2 l-bankijiet li nqalgħu minn fejn qed isru l-bankini f'taċ-Ċawla H.E. jitpoġġew madwar il-grawnd tat-turf ta' l-istess *area*;

12.3 jintalab il-permess ta' TM sabiex isiru *double yellow lines* taħt il-bankina ta' quddiem residenza ta' Louis Farruġia, 11, Triq Dun Pawl Micallef. Dan peress li din il-parti tat-triq hi dejqa u jekk jipparkjaw vetturi fuq iż-żewġ naħħat tat-triq ikun il-kas li vetturi tqal jolqtu l-faċata ta' din id-dar.

12.4 jintalab il-peremss tat-TM sabiex quddiem il-ħanut tal-merċa ta' Triq Mons. Luiġi Vella ssir tabella *no parking except un/loading*;

12.5 jintalab lill-Perit iħejji pjanta tal-*parking bays* fi Triq Pawlu Portelli u Triq Muniċipju Ruman biex wara tiġi approvata mit-TM;

12.6 jintalab il-permess tat-TM sabiex fi Triq Alfons Maria Ħili, t-tabella tan-*no entry* teħel fil-kantuniera ta' Triq Vajrinġa u t-tabella tan-*no entry except residents* teħel fil-kantuneira ta' Triq il-Librerija. Dan minħabba l-fatt li r-residenti li jkunu ġejjin minn Triq Daqwara jkollhom jinżlu mil-Fontana. Barra minn hekk għandujintalab il-permess biex isir *double yellow line* fi Ttriq l-iskola kantuneira ma Triq Alfons Maria Ħili;

12.9 tinħarġ *no objection* sabiex il-van tal-ġelat ta' Rapa jkollha permess mill-Enemalta għall-metre tad-dawl temporanju faċċata tal-mina tad-daħla ta' Pjazza Katidral;

12.10 issir l-applikazzjoni neċesarja sabiex jinżabbar il-palm u s-siġra li hemm ma blokk B f'taċ-Ċawla H.E. u s-siġra tal-plam li hemm fil-wied tal-Lunzjata;

12.11 isir bankina ġdidia bil-*bricks* quddiem 5, Triq SriArturo Mercieca. Dan minħabba li tinsab fi stat ħażin u anke' biex tiġi pariġġ il-kumplament tat-triq;

12.12 il-*playing field* tibda titnaddaf darbtejn fil-ġimgħa minn TC Cleaning Services, li huma l-kuntratturi tat-tindif tat-toroq. Dan għal prezz ta' €122 kull ġimgħa;

12.13 issir bankina ġdidia quddiem ir-residenza ta' Joe Scerri fi Triq Aniċi. Din ma kienitx saret minħabba li l-post kien għadu ma nbeniex meta l-Kunsill għamel il-bankini ta' din it-triq;

12.14 jiġu approvati l-kontijiet pendenti. Dan skond dokument d anness;

12.15 jiġi approvat ukoll il-konta tar-restawr ta' l-erba' niċċeċ. Il-kont hu ċertifikat mill-Perit;

12.16 jinħareġ il-permess lill-Kurja ta' l-Isqof sabiex tiġi ċċelbrata' s-Solennita' ta' Kristu Re. Il-korteo u ċ-ċelebrazzjoni se jsiru fl-*area* taċ-Ċawla;

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

12.17 twaħħlet bozza ġdidia wara The Duke fi Triq l-10 ta' Ġunju. Din kienet intalbet mill-Kunsill xhur ilu;

12.18 f'The Parliament Magazine maħruġ mill-UE, fil-ħarġa ta' Settembru, dehret paġna fuq ir-Rabat;

12.19 li l-Kunsill irċieva mill-ARMS noitifika lijekk ma jitħallas il-kont tal-main tad-dawl tal-*fairy lights* ta' Pjazza Indipendenza, dan is-servizz ser jinqata. Il-membri qablu li dan ma jitħallasx peress li l-*fairy lights* huma mitfija u mhux qed ikun hemm konsum;

12.20 l-MTA bħatet is-somma ta' €5,000 li kienu jkopru l-parti tagħħa fuq l-attivta tas-Serata di Gola;

12.21 mill-Ministeru għal Għawdex il-Kunsill irċieva s-somma ta' €12,000 li kienu jkopru l-parti tal-Minsiteru fuq l-attivita' tas-serata di Gola;

12.22 s-Sindku u s-seg. Eżekuttiv iffirmaw il-ftehim mal-Ministeru għal Għawdex rigward id-*Day Care Centre* ta' l-anzjani;

12.23 l-istima tax-xogħol li jrid isir minħabba ż-żamma ta' l-ilma tax-xita fi blokk KA f'taċ-Ċawla H. E. hi ta' €1,065.54;

12.24 saret l-applikazzjoni ta' l-Aġenzija Żgħażagħ fuqa il-proġett Empower;

12.25 saret applikazzjoni oħra mad-Dipartiment għal Gvern Lokali fuq l-iskema ta'l-inizjattivi għall-attivitajiet kulturali konġinta mal-Victoria International Arts Festival Foundation.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30. Laqgħa oħġra ser issir nhar il-Ħamis 24 ta’ Novembru 2011 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |